A.L. 434 ta' l-2007

ORDINANZA DWAR ID-DRITTIJIET
(KAP. 35)

Regolamenti ta' l-2007 dwar Drittijiet li jitħallsu għal Viżi ta' Schengen

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 2 ta' l-Ordinanza dwar id-Drittijiet, il-Ministru ta' l-Affarijiet Barranin, bi ftehim mal-Prim Ministru u Ministru tal-Finanzi, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:

Titolu, skop, bidu fis-seħħ u tifsir.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti ta' l-2007 dwar Drittijiet li jitħallsu għal Viżi ta' Schengen.

(2) Dawn ir-regolamenti jittrasponu d-Deċiżjoni tal-Kunsill UE ta' l-1 ta' Ġunju, 2006.

(3) Dawn ir-regolamenti għandhom jidħlu fis-seħħ fil-21 ta' Diċembru, 2007.

(4) Għall-finijiet ta' dawn ir-regolamenti, viża ta' Schengen tippermetti lid-detentur tagħha li jkollu moviment liberu, fil-kuntest tal-validità tal-viża, fl-Istati kollha ta' Schengen ta' l-Unjoni Ewropea li iffirmaw il-Ftehim ta' Schengen.

Drittijiet li jitħallsu fil-Konsolati ta' Malta.

2. Id-drittijiet speċifikati fl-Iskeda li tinsab ma' dawn ir-regolamenti għandhom jitħallsu lill-Konsolat ta' Malta f'kull pajjiż fejn ikun hemm rappreżentanza bħal dik.

Id-drittijiet ma jistgħux jingħataw lura.

3. Dawk id-drittijiet li jitħallsu għal viża ta' Schengen m'għandhomx jingħataw lura.

Tneħħija jew tnaqqis ta' drittijiet li jitħallsu għal viżi ta' Schengen.

4. Il-viżi ta' Schengen jinħarġu mingħajr ħlas lil:

(a) konjuġi u tfal taħt il-21 sena li jkunu qegħdin jakkumpanjaw ċittadin ta' l-Unjoni Ewropea jew ċittadin miż-Żona Ekonomika Ewropea;

(b) tfal taħt is-sitt snin;

(ċ) skulari, studenti, studenti li diġà iggradwaw u għalliema li jkunu qegħdin jakkumpanjawhom li jivvjaġġaw għall-fini ta' studju jew taħriġ li għandu x'jaqsam ma' l-edukazzjoni; u

(d) riċerkaturi minn pajjiżi terzi li jivvjaġġaw fi ħdan il-Komunità Ewropea bil-għan li jagħmlu riċerka xjentifika kif imfisser fir-Rakkomandazzjoni 2005/761/KE tal-Parlament u l-Kunsill Ewropew tat-28 ta' Settembru 2005 biex jiġi faċilitat il-ħruġ mill-Istati Membri ta' viżi għal żmien qasir uniformi għal riċerkaturi minn pajjiżi terzi li jkunu qegħdin jivvjaġġaw fil-Komunità bil-għan li jagħmlu riċerka xjentifika.

Is-Segretarju Permanenti jista' jneħħi jew inaqqas id-drittijiet.

5. Minkejja kull provvediment ieħor f'dawn ir-regolamenti, id-drittijiet għal viżi jistgħu f'kull waqt jiġu mħassra jew imnaqqsa b'ordni tas-Segretarju Permanenti fil-Ministeru responsabbli għall-Affarijiet Barranin.

SKEDA

(Regolament 2)

Għall-ħruġ ta' viża ta' Schengen –

(a)	Viża ta' Transit minn Ajruport (Kategorija A)	€ 60
(b)	Viża ta' Transit (Kategorija B)	€ 60
(ċ)	Viża għal Żmien Qasir (Kategorija Ċ)	€ 60
(d)	Viża li għandha Validità Territorjali Limitata (Kategoriji B u Ċ)	€ 60
(e)	Viża għal Grupp (Kategoriji A, B u Ċ) inkluż dritt, għal kull persuna li tkun parti mill-grupp, ta'	€ 60, € 1
(f)	Viża Nazzjonali għal Żmien Twil (Kategorija D)	€ 60
(g)	Viża Nazzjonali għal Żmien Twil li tkun fl-istess ħin valida bħala Viża għal Żmien Qasir (Kategoriji D u Ċ)	€ 60.